**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 13 t' Awwissu, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Omissis**

**Rosmar Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Omissis u

Rosmar Bugeja detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 257796(M) akkuzati tali flimkien ma' zewg persuni ohra nhar it-28 ta' Lulju, 2018

ghal habta ta-hamsa u nofs ta' filghaxija (17:30hrs) minn gol-fond Gnejnet il-Wied, Triq il-Kan. Karm Pirotta Birkirkara:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq urew dan il-hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centemzu (1,329.37), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u dan ghad-dannu tal-familja Ciantar;

2. Xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa (vettura tal-ghamla Peugeot), mehuda b' qerq jew akkwista b' reat ta' serq;

3. Garru il-barra minn xi fond jew id-dintorni taghhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Omissis wahdu akkuzat ukoll illi fl-istess data, hin u cirkostanzi f' Birkirkara:

4. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBO 515 ghad-dannu ta' Bojan Pavlovikj;

5. Talli saq l-imsemmija vettura minghajr numru ta' registrazzjoni tal-gahmla Peugoet minghajr ma kienet koperta b' polza tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni;

6. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta' l-ghamla Peugoet minghajr numri ta' registrazzjoni b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz;

7. Bhala xufier ta' vettura tal-ghamla Peugeot minghajr numru ta' registrazzjoni naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f' incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura;

Lil Omissis wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht diversi sentenzi sospizi, liema sentenzi nghataw mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrati Dr G Mercieca LL.D, Dr F Depasquale LL.D u Dr A Demicoli LL.D liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li titratta mal-Omissis bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b' sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 t' Awwissu, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn l-imputat ta nformazzjoni utili lil Pulizija Ezekuttiva li waslithom ghal terzi persuni konnessi mar-reati in dizamina.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 41, 262, 263, 267, 269, 279 u 334 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum u multa ta' mija u tmintax –il ewro (€118).

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**